Awwissu 2010—Nru. 367

# it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



# Hair-dryer
## (Ħsieb fuq il-qoxra ta' barra)



Koppja żagħżugħa, wara t-tieġ tagħhom marru għal xi ġranet *honeymoon* f'lukanda ġewwa Londra.

Meta s-safra tagħhom għaddiet, u l-miżżewġin friski reġgħu lura Malta biex jibdew il-ħajja flimkien, il-mara ndunat li bi żball ġabet magħha *hair-dryer* tal-lukanda fejn kienu. Għall-ewwel il-mara ħasbet li tħalli kollox għaddej… heqq, fuq kollox kien żball ġenwin!

Iżda r-raġel deherlu li ladarba dak l-oġġett ma kienx tagħhom, kellhom jibagħtuh lura l-lukanda.

Għall-ewwel il-koppja ma qablux x'se jagħmlu, iżda wara ddeċidew li jippakkjaw il-*hair-dryer* u jibagħtuh lura lil sid il-lukanda flimkien ma' ittra fejn spjegaw l-iżball ġenwin tagħhom.

Sid il-lukanda skanta mhux ftit meta rċieva l-pakkett u l-ittra. Stqarr li f'20 sena li kien ilu jmexxi l-lukanda, qatt ħadd ma ġab lura affarijiet li nstabu nieqsa mill-lukanda.

F'ittra li s-sid bagħat bħala risposta lill-koppja, hu faħħar ħafna l-valur ta' l-onestà u l-irġulija tagħhom. Flimkien ma l-ittra bagħatilhom ukoll żewġ biljetti ta' l-ajru u ġimgħa btala fil-lukanda b'xejn b'apprezzament għall-onesta' kbira li wrew.

Kellu raġun Ġesù jgħidilna li min hu fidil fil-ftit, huwa fidil fil-wisq. U tkun fidil tfissir mhux tkun baħnan, anzi li tkun ta' l-affari tiegħek u onest.

---

Nirringrazzjaw lil Ħbieb tagħna li għamlu offerti lejn l-ispejjeż ta' dan il-fuljett. B'apprezzament qed niddedikawlhom din il-ħarġa tal-fuljett It-Triq. Inwegħdukom it-talb tagħna.
Grazzi.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett
ta' kull xahar
maħruġ
minn grupp
ta' talb
fost
Il-Ħaddiema**

Nru. 367
Awwissu 2010

# *M'hemmx skużi !*

Ħbieb,

Kulħadd għandu d-dmir li jgħin lil ħaddieħor sabiex jiskopri lil Alla. Ma naqtgħux qalbna u noqogħdu nġibu l-iskuża li m'aħniex kapaċi. Mosè kien itemtem, imma minkejja dan id-difett, Alla riedu jidher quddiem il-Farawn u jordnalu f'isem Alla sabiex jeħles il-poplu Lhudi. Is-soluzzjoni hemm kienet. Ħa miegħu lil ħuh Aaron sabiex dan ta' l-aħħar jgħaddi l-messaġġ li Mosè, li kien imnebbaħ minn Alla, ried jgħid lill-Farawn.

Alla jrid jużagħna minkejja d-difetti tagħna, minkejja l-idejat diversi tagħna, minkejja l-opinjonijiet differenti tagħna. Is-soluzzjoni hi li naċċettaw lil xulxin kif aħna u nirsistu sabiex noħolqu armonija bejnietna. Mill-bqija, inħallu f'idejn Alla. Hu jagħmel affarijiet kbar permezz tagħna.

Alla, li fuq kollox ma għandu bżonn ħadd, lest li juża lil kulħadd sabiex juri l-glorja tiegħu. Ma nitqarrqux. Ma ngħidux 'aħna m'aħniex kapaċi'. Ma noħolqux tfixkil fil-pjan ta' Alla.

Kulħadd imsejjaħ għal din il-missjoni. Hija kwistjoni ta' fidi sħiħa f'Alla, tama qawwija li Hu żgur jgħinna, u mħabba ġenwina lejh li twassalna għas-suċċess sħiħ ta' ħajjitna.



# *Mulej, ħarisli għajnejja*

Jekk, Inti, Mulej, tħarisli għajnejja…
Ma hemmx dlam li jbeżżagħni;
Ma hemmx waqgħa li minnha ma nistax nerġa’ nqum;
Ma hemmx offiżi li ma naħfirx;
Ma hemmx post fejn ma nsibekx;
Ma hemmx art fejn ma nsibx is-sbuħija tal-fjuri miftuħa;
Ma hemmx dwejjaq li jwassluni għad-disperazzjoni;
Ma hemm ħadd li ma nistax inħobbu.
Ma hemmx triq li ma nistax nimxi minnha.
Ma hemmx tbatija li ma nissaportihiex.
Ma hemmx sitwazzjoni li fiha jien ma nkunx ta’ tama.
Ma hemmx dnub li minnu jien ma jiddispjaċinix.
Ma hemmx ferħ akbar minn dak li inti stess toffrili.
Ma hemmx tbatija li ġġegħelni niċħdek.
Ma hemmx ħażen li ma nistax niċħad.
Ma hemmx tajjeb li jien ma nistax nagħmlu.
Ma hemmx żmien li mhux tajjeb biex nisimgħek.
Ma hemmx żmien li mhux tajjeb biex inħobbok.
Muelj, ħarstek hija dawl!
Aktar mix-xemx! Aktar mis-Sema!
Dejjem tkun imfaħħar!



***Padre Orlando Gambi C.S.S.R.***

# Knisja li taħdem għall-fqir



F'mhux inqas minn 130 pajjiż madwar id-dinja, hawn eluf ta' voluntieri li huma magħqudin fi ġlieda kontinwa kontra l-faqar li jeżisti. Dawn il-gruppi huma magħrufa bħala 'Is-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paoli'. Din is-soċjetà hi istituzzjoni kattolika, u l-membri huma kollha lajċi, umli tabilħaqq u verament numerużi. Il-bniedem wara dan kollu hu t-Taljan Federiku Ozanam.

Federiku twieled l-Italja fit-23 ta' April 1813, meta missieru kien uffiċjal mediku ma' l-armata ta' Napuljun li f'dik l-epoka kien fl-aqwa tiegħu. Kienu tliet subien, hu kien tan-nofs: il-kbir sar saċerdot, iż-żgħir tabib u hu professur.

Wara li spiċċa l-liceo, Federiku, bis-saħħa ta' missieru, mar jistudja l-Liġi fl-Università ta' Pariġi. Għamel żmien jgħix fid-dar ta' André Marie Ampere, il-famuż esploratur Franċiż li kunjomu għadna nużawh sal-lum bħala kejl ta' l-intensità tal-kurrent elettriku.

Meta kien Pariġi, Federiku, flimkien ma' ħbieb intellettwali oħra, waqqfu s-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paoli. Wara li fl-1833 kompla l-istudji tiegħu, huwa laħaq avukat. Kompla jistudja u sar Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Sorbona. Iżda xorta waħda baqa' l-'bniedem ta' San Vincenz', u qalbu baqgħet taħseb fil-fqar.

Fl-1841 iżżewweġ lil Amalia Soulacroix u kellhom tifla. Kien jivvjaġġa ħafna madwar l-Ewropa flimkien ma' ħbiebu l-intellettwali, iżda dejjem reġa' lura fid-dinja tal-fqir.

Miet f'Marsilja fit-8 ta' Settembur 1853, fl-età ta' 40 sena, wara xogħol li wettaq fit-Toscana. Fis-27 ta' Awwissu 1997 f'Parigi, il-Papa Ġwanni Pawlu II ipproklamah Beatu. Federiku kien iben dehen tal-Knisja, li għex biex jgħin lill-batut u lil min hu inqas ixxurtjat.

# *Ir-raġel misterjuż*

Fi żmien il-qedem, il-belt kapitali Griega, Ateni, kienet sfat assedjata mill-qawwiet Doriċi. L-għaref anzjan kien ħabbar lin-nies ta' Ateni li jew il-belt kienet se tinqered, jew jinqatel ir-rè Likurgus. Ir-residenti ta' din il-belt sabiħa xejn ma xtaqu li belthom tinqered mill-għedewwa, imma fl-istess waqt ma xtaqux li jitilfu r-rè tagħhom li tant kienu jħobbu għax kien tant ġust u twajjeb.

Darba, f'nofs ta' lejl, wieħed raġel li kellu wiċċu mgħammed, daħal fil-kamp tas-suldati Doriċi u qala' ġlieda bejniethom. Il-ġlieda kibret sew u f'ħin minnhom suldat avviċina lil dak ir-raġel u tah daqqa ta' stallett. Din kienet daqqa fatali, u r-raġel waqa' mejjet mill-ewwel.

Is-suldati, meta rawh mejjet fl-art, resqu lejh biex jikxfulu wiċċu. Kien appuntu hawn li huma ħadu l-qatgħa ta' ħajjithom! Għarfu li l-ġellied ma kien ħadd ħlief ir-rè ta' Ateni Likurgus innifsu. L-aħbar malajr ġriet u nqala' paniku sħiħ fil-kamp Doriku. Dawn dlonk ħasbu biex jirtiraw għax beżgħu li r-residenti ta' Ateni żgur kienu se jpattuhielhom qares talli qatlulhom lir-rè maħbub tagħhom!

Kien ġara kif ħabbar l-għaref anzjan. Dan ir-rè qalbieni ta ħajtu biex isalva lil niesu. Dan kien bniedem li jistħoqqlu l-kliem ta' Ġesù li qal: 'M'hemmx imħabba ikbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.'

---

Li temmen ifisser ukoll li tkun kapaċi tissaporti d-dubji li jiġuk f'moħħok.
*Romano Guardini*

Nippreferi mmut bħal Abel milli ngħix bħal Kajjin.
*Carlo Arturu Jermolo*

---

## *Konverżazzjoni interessanti*— Suġġett: **IL-FIDI**

Professur tal-Filosofija li kien ateju, kien qed jitkellem dwar il-problema li skond hu ix-xjenza għandha dwar Alla. Huwa saqsa lil student minnhom:
'Inti nisrani, hux tassew?'
L-istudent wieġbu: 'Hekk hu, sir'
Il-Professur: 'Allura inti temmen f'Alla.'
L-istudent: 'Assolutament, iva.'
Il-Professur: 'Alla huwa tajjeb?'
L-istudent: 'Daż-żgur!'
Il-Professur: 'U Alla għandu s-saħħa u l-ħila, hux tassew?'
L-istudent: 'Iva.'
Il-Professur: 'Ħija miet bil-'cancer' allavolja talab lil Alla jfejqu. Il-biċċa l-kbira tagħna nagħmlu minn kollox biex ngħinu lil min hu marid. Imma Alla le. Kif dan Alla huwa tajjeb, allura? Eh?'
L-istudent ma weġibx.
Il-Professur kompla: 'Qed tgħid li Alla tajjeb. Satana huwa tajjeb?'
L-istudent: 'Le.'
Il-Professur: 'Minn fejn ġej Satana?'
L-istudent: 'Minn Alla.'
Il-Professur: 'Hekk hu. Tajjeb qed tgħid. Għidli ftit, hawn ħażen f'din id-dinja?'
L-istudent: 'Daż-żgur li hawn il-ħażen.'
Il-Professur: 'Hawn ħażen kullimkien. U Alla ħalaq kollox. Allura min ħalaq il-ħażen? Min ħalaq il-mard? Il-mibegħda? Il-kruha? Min ħalaq dan kollu?'
Hawnhekk l-istudent reġa' ma weġibx.
Il-Professur kompla: 'Ix-xjenza tgħidilna li għandna ħames sensi li bihom nidentifikaw u nosservaw id-dinja ta' madwarna. Għidli ftit, inti qatt rajtu lil Alla?'
L-istudent: 'Le, sir'
Il-Professur: 'Qatt smajtu lil Alla? Qatt ħassejtu, doqtu jew xammejt lil dan Alla tiegħek b'xi mod jew ieħor?'
L-istudent: 'Le, sir.'
Il-Professur: 'U madanakollu inti xorta waħda temmen fih?!'

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli minn paġna 5)*

L-istudent: 'Iva.'
Il-Professur: 'Skond ir-regoli stabbiliti tal-Empirical, Stable, Demonstrable Protocol, ix-xjenza tgħid li Alla ma jeżistix. Xi tgħid fuq dan int?'
L-istudent: 'Jien għandi l-Fidi.'
Il-Professur: 'Il-fidi, iss, il-fidi! Din hi l-problema li għandha x-xjenza...'

L-istudent: 'Professur, teżisti dik il-ħaġa li nsejħulha sħana?'
Il-Professur: 'Daż-żgur.'
L-istudent: 'U hemm dik li nsejħulha kesħa?'
Il-Professur: 'Iva.'
L-istudent: 'Le sir, m'hemmx!'
Waqa' silenzju kbir fis-sala tal-konferenzi hekk kif id-djalogu issa ħa xejra ġdida.
L-istudent: 'Sir, teżisti ħafna sħana, iktar sħana, dik li nsejħulha superheat, mega heat, white heat .... ftit sħana jew xejn sħana, imma m'hawn xejn li tista' ssejjaħlu kesħa. Nistgħu naslu sa 458 grad taħt iz-zero ta' xejn sħana, imma ma nistgħux ninżlu aktar minn hekk. M'hemm l-ebda ħaġa li hi kesħa. Il-kesħa hi kelma li nużaw biex niddeskrivu nuqqas ta' sħana. Is-sħana hi enerġija. Il-kesħa mhix l-oppost tas-sħana, sir, imma sempliċiment l-assenza tagħha.

Kont tisma' labra taqa' ma' l-art bis-skiet taqtgħu b'sikkina li kien hemm fis-sala.

L-istudent kompla: 'Niġu għad-dlam, Professur. Teżisti dik ix-xi ħaġa li ngħidulha dlam?'
Professur: 'Daż-żgur. X'ikun il-lejl jekk ma jeżistix id-dlam!'
L-istudent: 'Erġajt qed tiżbalja, sir. Id-dlam hu sempliċiment l-assenza tad-dawl. Jista' jkollok dawl batut, dawl normali, dawl qawwi, dawl li jgħammixlek għajnejk ... Imma jekk ma jkollokx dawl, m'għandek xejn u dan ix-xejn insejħulu dlam, mhux hekk? Fir-rejaltà, id-dlam ma jeżistix, għax kieku tista' tagħmel id-dlam aktar skur, mhux hekk?'
Il-Professur: 'Allura x'inhu l-punt li trid tagħmel, żagħżugħ?'
L-istudent: 'Sir, il-punt tiegħi hu li l-prinċipju filosofiku li qed tibbaża

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli minn paġna 6)*

l-argument tiegħek huwa falz.'
Il-Professur: 'Falz?! U kif tista' tispjegah dan?'
L-istudent: 'Int qed tibbaża kollox fuq il-prinċipju tal-dualità: int targumenta li hemm il-Ħajja u hemm il-Mewt, li hemm Alla tajjeb u Alla ħażin. Int qed tħares lejn il-kunċett ta' Alla bħala ħaġa li nistgħu nkejluha. Sir, ix-Xjenza lanqas mhi kapaċi tispjega kif isir Ħsieb. Tipprova tuża l-kurrent elettriku u l-magnetism fir-raġunament tagħha, imma la qatt rat, u wisq inqas fehmet kif dawn jaġixxu fil-formazzjoni ta' ħsieb. Meta tqis il-Mewt bħala l-oppost tal-Ħajja tkun qed tagħmel l-iżball li tqis il-Mewt bħala ħaġa sustantiva. Il-Mewt mhix l-oppost tal-Ħajja, imma biss in-nuqqas tagħha. Sir, veru li inti tgħallem li l-bniedem ġej mix-xadini?'
Il-Professur: 'Jekk qed tirreferi għall-Proċess ta' l-Evoluzzjoni Naturali, hekk hu.'
L-istudent: 'Qatt osservajt l-Evoluzzjoni b'għajnejk stess?'
Il-Professur xengel rasu bi tbissima, għax intebaħ fejn l-istudent kien sejjer bl-argument tiegħu.
L-istudent: 'Peress li ħadd qatt ma ra b'għajnejh il-Proċess ta' l-Evoluzzjoni, allura dan ma jfissirx li inti qed tippriedka l-opinjoni tiegħek, Sir? U li allura inti aktar predikatur milli xjenzat?'
U hawn il-klassi splodiet bl-għajjat u ċapċip.
L-istudnet: 'Hawn xi ħadd hawnhekk li qatt ra l-moħħ tal-Professur? Jew semgħu, ħassu, messu jew xammu?'
Il-klassi nfaqgħet tidħak.
L-istudent: 'Milli jidher m'hawn ħadd li għamel dan. Allura, skond ir-regoli stabbiliti tal-Empirical, Stable, Demonstrable Protocol, ix-xjenza tgħid li inti m'għandekx moħħ, Sir. B'kull rispett lejk, Sir, kif allura għandu jkollna fiduċja f'dak li tgħidilna fil-lectures, Sir?'
Il-Professur, li issa lanqas kulur ma kien għad baqagħlu f'wiċċu, baqa' jħares skantat lejn l-istudent. Imbagħad bil-mod u b'vuċi baxxa wieġeb: 'Heqq, irid ikollok il-Fidi ...'
L-istudent: 'Hekk hu, Sir ... Eżattament! Il-għaqda bejn il-Bniedem u Alla hi l-Fidi. Dik hi li żżomm id-dinja ħajja u għaddejja.

Ħbieb, għandkom tkunu tafu li dak l-istudent ma kien ħadd ħlief Albert Einstein.

# *‘Immur inżur lil Marija’*

Kien hemm armla jisimha Margerita li kienet fqira. Kuljum qabel tibda x-xogħol tad-dar, kienet tgħid d’devozzjoni kbira t-talb ta’ filgħodu, u taqra ħsieb għal dak il-jum. Jum minnhom, il-ħsieb kien qed iħeġġiġha sabiex dak in-nhar hija tagħmel xi karità ma’ min hu fil-bżonn.

Qalet bejnha u bejn ruħha: “Mulej, int taf biżżejjed li jien ma’ nistax ngħin lil ħaddieħor meta lanqas għandi flus biżżejjed biex ngħix jien. Lanqas il-kera għadni ma ħallast, u nibża’ li ser ikolli mmur nittallab”. Imma Margerita kompliet taħseb: “Stenna ftit ... żgur li nista’ nagħmel xi ħaġa oħra ma’ xi ħadd fil-bżonn minflok ma’ nagħti l-flus.”

Kompliet taħseb sa ma ftakret f’Marija, waħda mill-ħbieb tagħha, li kienet marida fis-sodda: “Mela llum hekk nagħmel, immur inżur lil Marija”. Fetħet l-armarju u ħarġet żewġ tuffieħat li kienu għadhom kif tawhomlha l-ġirien, u telqet kollha ferħana ħdejn Marija.

Meta Marija ratha, tgħidx kemm ferħet, tant li staqsietha jekk tixtieqx tmur togħqod magħha biex iddur biha: “Għadni kemm writt somma flus, u bihom inkunu nistgħu ngħixu t-tnejn!” Margerita ma kinitx qed tistenna stedina bħal din, u b’ferħ kbir aċċettat mill-ewwel. Ġriet lura f’darha u ġarret il-ftit għamara li kellha u kollha ferħana marret tgħix ma’ Marija.

It-tnejn kienu kuntenti. Marija kellha min idur biha, waqt li Margerita spiċċalha l-inkwiet li kellha tan-nuqqas ta’ flus u l-problema tal-kera. Sewwa jgħid il-Malti:

***Jekk trid tħoss il-ferħ b’qalbek, tgħallem dan is-sigriet:***
***“Agħti minn dak li għandek bla storbju u bil-kwiet!”***

L-għajnuna lil ħutna fil-bżonn, Ġesù jqisha magħmula miegħu. Hu stess hekk qalilna: “...kont bil-għatx, bil-ġuħ, marid, il-ħabs...u intom għentuni u ġejtu żżuruni” u meta staqsewh meta rawh bil-għatx, bil-ġuħ u marid, hu weġibhom”...dak li għamiltu ma’ min hu fil-bżonn għamiltuh miegħi...”

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**Il-Ġimgħa, 6 ta' Awwissu 2010**
<u>L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar</u>
Tajjeb li nħarsu dan il-jum b'devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù billi nisimgħu quddiesa u nkunu disposti sabiex nitqarbnu;

**Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu 2010**
<u>It-Tlugħ is-Sema ta' Marija Santissima</u>
Niftakru meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

---



# *Niftakru fit-talb tagħna …*

… fir-ruħ ta' **JOSEPHINE BUTTIGIEG, li kienet taħdem fit-Taqsima ta' l-Amministrazzjoni fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Impiegi u l-Familja, u li hi l-mara ta' Mario Buttigieg li jaħdem fid-Direttorat tal-Plant Health, fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali;**

**… fir-ruħ ta' CARMEL HILI, li kien jaħdem fir-Reġistru Pubbliku, fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Kommunikazzjoni;**

**… fir-ruħ ta' VICTORIA CAMILLERI, li tiġi omm il-mara ta' Lawrence Giordano li kien jaħdem f'dak li kien il-Ministeru tal-Politika Soċjali.**

---

# Rokna Ċajt

*meħudin mill-ktieb:*
*'Ta' Lanqas Tbissem'*



Raġel kien qed jiftaħar ma' xi ħbieb li ġew id-dar tiegħu:
'Jien,' qalilhom, 'kull meta jinqala' l-bżonn fid-dar, immidd idi u nsewwi kull ma jinqala'.'
'Iva,' weġbitu martu b'idha fuq qaddha. 'L-aħħar darba mar isewwi l-arloġġ li għandna jdoqq u jagħmel cuckoo. Mindu missu hu qed joħroġ il-cuckoo u jistaqsi lilna x'ħin hu?'

---

Raġel daħal id-dar u sab lill-mara b'nervi ta' kelb.
'Taf jew ma tafx x'inhi l-ġurnata tal-lum?' staqsiet.
'Da żgur li naf,' weġibha.
'U ma jidhirlekx li għandu jsir xi ħaġa straordinarja biex niċċelebraw dal-jum?' qaltlu kollha rrabjata.
'Daż-żgur,' qalilha.
Wara pawsa żgħira kompla: 'Min jaf li kieku nagħmlu nofs siegħa silenzju?'


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:**
**Paul Schembri**
**73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015**
**Tel: 21440384**
**e-mail: it-triq@camline.net.mt**
**url: www.it-triq.org**